**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Inferjuri**

**Magistrat Dr. Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum, it-Tlieta, 2 ta' April 2019**

**Rikors numru 727/2015JVC**

**Angelo Cauchi**

**vs**

**Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u b'digriet tat-2 ta' Gunju 2016 l-isem ghandu jibda jaqra Awtorita' ta' l-Ippjanar**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ai termini ta' l-artikolu 90(7) tal-Kap 504 tal-Ligijiet ta' Malta fejn Angelo Cauchi ppremetta:

Illi l-esponenti gie notifikat b'att gudizzjarju mahrug mill-Awtorita' intimata ai termini tal-artikolu 90, subincizi 5 u 6 tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' liema ittra ufficjali l-esponenti gie nterpellat ihallas lill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar is-somma ta' elf u sitta u tmenin Ewro u tmienja u tletin centezmu

(€1086.38) rapprezentanti allegat hlas dovut lill-istess Awtorita' ghal direct action, ossia l-esekuzzjoni tal-allegat avviz ta' twettiq numru ECF 459/09, konsistenti fit-tnehhija ta' zewg hitan tal-franka u tnehhija ta' rixtelli minn go sit fi Sqaq fi Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex fl-24 ta' Lulju 2014. Din l-ittra ufficjali ggib id-data ta' l-4 ta' Novembru 2015 prezentata quddiem din il-Qorti bin-numru 727/15 (kopja tal-ittra ufficjali hawn annessa u mmarkata Dokument A);

Illi l-esponenti qieghed, ai termini tal-artikolu 90(7) tal-Kap 504 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrispingi l-pretensjonijiet tal-Awtorita' intimata bhala nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan in vista tas-segwenti:

Illi fl-ewwel lok l-avviz ta' infurzar ECF 459/09 huwa wiehed null ghaliex ibbazat fuq falsita u dan peress illi mhux veru illi x-xoghlijiet li ghamel Cauchi konsistenti f'Gate u bicca hajt biex jorbot il-gate saru fit-triq imma dawn saru fil-proprjeta' tieghu. Illi x-xoghlijiet *de quo* saru kompletament fl-art tieghu u bl-iskop biex jaghlaq access illegali ghar-raba tieghu.

Illi fl-esekuzzjoni li saret tnehhew mhux biss dawn ix-xoghlijiet li jissemmew fl-enforcement order izda xoghlijiet ohra konsistenti f'hajt divizorju li jifred l-art ta' Cauchi minn proprjeta' ohra liema hajt kien ezistenti minn dejjem u li in oltre inbena b'ordni tal-Qorti (Citaz 122/1996 Cauchi vs Vella deciza 20 ta' Gunju 2007). In oltre tnehha hajt illi huwa wiehed originali u li jzomm il-hamrija tar-raba ta' l-esponenti. Dawn iz-zewg hitan lanqas jissemmew fl-

enforcement order. Illi f'dan ir-rigward l-esekuzzjoni kienet wahda *ultra vires*.

Illi in oltre din l-enforcement order giet esegwita wara hames snin mill-hrug taghha.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-awtorita' trid iggib il-prova ta' l-ammont mitlub. L-Awtorita' ghandha ggib prova dettaljata ta' kif waslet ghal dan il-kont, kif ukoll taghti prova illi dawn kienu l-ahjar prezzijiet fis-suq u dan in linea mal-principju tal-minimazazzjoni ta' danni. Fil-fatt il-kont ta' l-awtorita' jidher wiehed esagerat fic-cirkostanzi.

Talab lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. Li l-ammont mitlub mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ma huwiex dovut, u dan stante dak kollu fuq premess;

2. Fin-nuqqas ta' l-akkoljiment ta' l-ewwel talba l-ammont mitlub minn wiehed esagerat u ghandu jigi rivedut fi kwalunkwe kaz l-esponenti ma ghandu qatt ikun tenut illi jhallas ta' infurzar li sar fuq xoghol li ma ghandux x'jaqsam mieghu u dan b'referenza specifika ghall-hajt tat-triq.

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata illi eccepiet:

Illi r-rikors ta' Angelo Cauchi ghandu jigi michud, u dana billi r-ragunijiet migjuba minnu in sostenn tar-rikors tieghu huma legalment inammissibbli, u fattwalment skorretti.

1. Illi minn qari tar-rikors wiehed jintebah illi l-posizzjoni tar-rikorrent hi li hu ma jridx ihallas dak dovut lill-Awtorita' billi qed isostni li: (i) l-avviz ta' infurzar ECF 459/09 "*huwa wiehed null ghaliex ibbazat fuq falsita' u dan peress illi mhux veru illi x-xoghlijiet li ghamel Cauchi ... saru fit-triq imma dawn saru fil-proprjeta' tieghu. Illi x-xoghlijiet de quo saru kompletament fl-art tieghu bl-iskop biex jaghlaq access illegali ghar-raba tieghu"; (ii) l-ezekuzzjoni tal-enforcement notice "kienet wahda ultra vires" u dan ghaliex "fl-ezekuzzjoni li saret tnehhew mhux biss dawn ix-xoghlijiet li jissemmew fl-enforcement order izda xoghlijiet ohra konsistenti f'hajt divizorju li jifred l-art ta' Cauchi minn proprjeta' ohra liema hajt kien ezistenti minn dejjem u li in oltre inbena b'ordni tal-Qorti (Citaz 122/1996 Cauchi vs Vella deciza 20 ta' Gunju 2007). In oltre tnehha hajt illi huwa wiehed originali u li jzomm il-hamrija tar-raba tal-esponenti;" (iii) "l-enforcement order giet esegwita wara hames snin mill-hrug taghha", u (iv) li "l-Awtorita' ghandha ggib prova dettaljata ta' kif waslet ghal dan il kont, kif ukoll taghti prova illi dawn kienu l-ahjar prezzijiet fis-suq... fil-fatt il-kont tal Awtorita' jidher wiehed esagerat."*

2. Illi f'dan ir-rigward, l-Awtorita' tissottometti li l-ewwel u t-tieni oggezzjoni mressqa mir-rikorrent huma legalment inammissibbli. Il-procedura kontemplata fl-Artikolu 90(7) tal-

Kap. 504 tista' tintuza biss, u specifikatament, sabiex ir-rikorrent jikkontesta l-ammont pretiz u mitlub mill-Awtorita' permezz tal-ittra ufficjali numru 727/15. Ir-rikorrent ma jistax jinqeda b'dawn il-proceduri sabiex jikkontesta l-mertu tal-enforcement notice numru 459/09 fuq il-bazi li l-istess avviz huwa *"null peress illi mhux veru illi x-xoghlijiet li ghamel Cauchi saru fit-triq imma dawn saru fil-proprjeta' tieghu" (l-ewwel oggezzjoni tar-rikorrent*). Lanqas ma jista' ir-rikorrent jitlob lil dina l-Qorti tissindika l-ghemil imwettaq mill-Awtorita' fl-ezekuzzjoni tal-istess enforcement notice fuq il-bazi tal-allegazzjoni, del resto fiergha u nfondata, li tali ghemil kien wiehed "*ultra vires*" peress li "*fl-ezekuzzjoni li saret tnehhew mhux biss dawn ix-xoghlijiet li jissemmew fl-enforcement order izda xoghlijiet ohra*" (it-tieni oggezzjoni tar-rikorrent). Ghalhekk jigi sottomess bil-qima li dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni/kompetenza li tiehu konjizzjoni l-ilmenti mressqa mir-rikorrent fl-ewwel u t-tieni oggezzjonijiet tieghu.

3. Jekk ir-rikorrent ried jikkontesta l-mertu tal-avviz biex tieqaf u ta' twettieq huwa kellu kull opportunita' li jaghmel dan billi jappella mill-istess *enforcement notice* a tenur l Artikolu 41 tal-Kap. 504. Ir-rikorrent naqas milli jaghmel dan, u allura llum gie li ssokkomba, irrikonoxxa u accetta l-ordni illi nharget fil-konfront tieghu permezz tal-istess avviz. Ir-rikorrent ma jistax issa jinqeda b'dawn il-proceduri sabiex jikkontesta l-mertu tal-istess enforcement notice abbazi tal-allegazzjoni, *del resto* infondata, li x-"*xoghlijiet de quo saru kompletament fl-art tieghu."*

4. Ili f'kull kaz, u minghajr l-ebda hsara ghall-eccezzjoni tal-Awtorita' dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti li tiddeciedi fuq l-ewwel zewg oggezzjonijiet imressqa mir-rikorrent, l-Awtorita' tirrileva li m'huwiex assolutament minnu li l-avviz biex tieqaf u ta' twettiq mertu ta' dawn il-proceduri "*huwa bbazat fuq falsita*" minhabba li jirreferi ghal xoghlijiet li qatt ma gew imwettqa mir-rikorrent. L-izvilupp illegali mwettaq mir-rikorrent gewwa s-sit fi Triq il-Knisja, Gharb, kien proprju jikkonsisti minn "*zvilupp bi ksur tal-kundizzjonijiet 1(e) u 1(i) tal-permess PA 1448/04 datat 24 ta' Awwissu, 2004 peress li [nbnew] hajt u xatba (gate) fit-triq u varjazzjonijiet fit-tqassim tal-bini peress li l-bieb tal-garaxx gie mibni usa u s-saljaturi tal-gallarija m'humiex skont il-pjanta*". Ghalhekk, jekk hemm xi haga li hija bbazata fuq fatti nveritjieri, dan huwa biss dak li qed jigi allegat mir-rikorrent fl-oggezzjonijiet tieghu.

5. Illi *di piu*, u dejjem bla hsara ghall-eccezzjoni tal-Awtorita' dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti li tiddeciedi fuq l-ewwel zewg oggezzjonijiet imressqa mir-rikorrent, l-allegazzjoni tar-rikorrent li waqt l-esekuzzjoni tnehhew strutturi li ma kienux jiffurmaw parti mill-illegalitajiet elenkati fl-avviz ta' twettiq, hija allegazzjoni fiergha u nfondata ghall-ahhar; dan pjuttost kien kaz fejn l-Awtorita' ma rnexxilhiex tnehhi l-illegalitajiet kollha elenkati fl-istess avviz. In oltre l-Awtorita' taghmel referenza ghall-artikolu 90 (2) tal-Kap 504 li jipprovdi li "*fejn it-tneħħija ta' żvilupp illegali bilfors tinvolvi t-tneħħija wkoll ta' żvilupp li mhux illegali, l-Awtorita' tista' tipproċedi*

*biex tneħħi wkoll dak l-iżvilupp l-ieħor li t-tneħħija tiegħu tkun meħtieġa kif hawn qabel imsemmi.*" Pero', fil-kaz odjern, fattwalment ma garax hekk, l-Awtorita' m'ezercitatx din is-setgha moghtija lilha skont il-Ligi, u waqt l-ezekuzzjoni tal-enforcement notice in kwistjoni nghatat attenzjoni partikolari li ma jitnehha xejn li ma kienx mibni kontra l-ligi.

6. *In oltre*, u dejjem bla hsara ghall-eccezzjoni tal-Awtorita' dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti li tiddeciedi fuq l-ewwel zewg oggezzjonijiet imressqa mir-rikorrent, l-Awtorita' thoss li jkun xieraq li ticcara illi in segwitu ghall-kawza ta' "*Angelo Cauchi vs Joseph Vella*" (Citaz 122/1996) citata mir-rikorrent fir-rikors tieghu, l-istess rikorrent kien istitwixxa kawza ohra fil-konfront ta' Joseph Vella quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, fejn talab lit-Tribunal jikkundanna lil Vella jhallas l-ispejjez minnu (ir-rikorrent) inkorsi sabiex jizviluppa l-hajt in kwistjoni. Din l-kawza ggib ir-riferenza numru 19/2009; deciza mit-Tribunal fis-26 ta' Lulju, 2011 u kkonfermata mill-Qorti tal Appell (Sede Inferjuri) b'decizjoni moghtija fil-21 ta' Marzu 2012.

Illi dak illi nghad mit-Tribunal u li gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza appena citata jassumi rilevanza sinifikanti fid-dawl ta' dak li qed jigi allegat mir-rikorrent fl-ewwel u t-tieni oggezzjonijiet tieghu:-

F'din il-kawza, it-Tribunal osserva s-segwenti:

*"Jirrizulta mill-atti li wara dik is-sentenza (ossia s-sentenza ta' "Cauchi vs Vella" (Citaz. 122/96 PC) citata mir-rikorrent) l-attur kien ipproceda bil-bini tal-hajt skont dik is-sentenza minghajr ma qabel huwa kien talab u ottjena l-permess biex ikun jista' jibni dan il-hajt mill-Awtorita' ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar skont il-qasma li kienet giet hekk stabbilita, u konsegwenza ta' dan in-nuqqas kien inhareg avviz ta' twettiq u nfurzar (ECF 459/09) fis-16 ta' Marzu 2009, mill-Awtorita' fil-konfront tal-attur talli dan kien bena l-hajt 'il barra mill-allinjament ufficjali tat-triq progettata. L-attur baqa' sallum ma ha ebda passi kontra l-hrug ta' dan l-avviz ta' twettiq u nfurzar, u lanqas biex inehhih, u l-kaz jinsab ghad-direct action biex l-Awtorita' tipprocedi bir-rimozzjoni tal-hajt de quo;*

*Il-fatt li l-attur kien gie awtorizzat b'sentenza ta' qorti biex jibni l-hajt fuq il-qasma li giet stabbilita bl-istess sentenza, b'daqshekk b'dik is-sentenza biss l-attur ma kienx mehlus li jitlob u jottjeni kull permess iehor ghall-bini tal-hajt, jekk kien hekk mehtieg minn kull ligi ohra li tirregola l-izvilupp qabel ma ghadda ghall-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza; haga li l-attur ex admissis naqas li jaghmel ghax ippretenda li bis-sentenza tal-qorti kien bizzejjed u kienet taghtih sahha li jipprocedi bil-bini tal-hajt minghajr il-htiega li jottjeni permess minghand l-Awtorita', minkejja li kellu d-dmir taht il-ligi li jaghmel dan qabel ma pproceda bil-bini tal-hajt skont dik is-sentenza;*

*Inoltre meta l-attur hariglu l-permess biex jizviluppa l-art tieghu 'l gewwa fl-isqaq u fuqha jibni dar bil-pool, li jgib in-numru PA 01448/04, liema permess kien hariglu formalment fl-24 ta' Awwissu*

*2004, dan kien inhariglu bil-kundizzjoni li jrid jibni 'in accordance with the official alignment and proposed/existing finished road levels as set out on site by the Malta Environment & Planning Authority's Land Surveyor'. Dan ifisser li l-konvenut meta zviluppa l-art tieghu hu kien accetta li jibni skont il-kondizzjonijiet lilu mposti fil-permess tal-bini fosthom li jrid jitwessa' l-isqaq ;*

*Illi l-Qorti tal-Appell, filwaqt li kkonfermat s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, ziedet tosserva illi x-xoghlijiet in kwistjoni saru "fuq hajt li ma ghandux il-permessi mehtiega, u ghalhekk hemm kawza llecita kif eccepit mill-istess konvenut ... il-konvenut laqa' ghal tali talba bl-eccezzjoni li tali hajt hemm fuqu enforcement notice, u la darba jirrizulta li hekk huwa, mela allura certament li ma ghandux jigi kostrett ihallas ghall-hajt li jidher li huwa llegali ghaliex mhux konformi mal-ligi dwar l ippjanar."*

7. Fid-dawl tas-suespost, l-Awtorita' esponenti ma thossx illi hemm wisq x'wiehed izid fuq l-ewwel zewg oggezzjonijiet imressqa mir-rikorrent; jirrizulta bic-car li tali oggezzjonijiet huma msejsa fuq allegazzjonijiet infondati ghall-ahhar.

8. In kwantu ghall-oggezzjoni tar-rikorrent li *"l-enforcement order giet esegwita wara hames snin mill-hrug taghha,"* l-Awtorita' qajla tista' tifhem ir-rilevanza ta' din l-oggezzjoni fil-kuntest ta' dawn il-proceduri. Il-Ligi ma timponi l-ebda terminu li fih l-Awtorita' ghandha tipprocedi bl-ezekuzzjoni tal-avviz biex tieqaf u ta' twettieq wara li l-istess avviz isir ezekuttiv. Jekk xejn din l-oggezzjoni tikkonferma z-zmien kollu li fih ir rikorrent baqa'

jippersisti bl-illegalita' minnu kommessa. L-obbligu illi titwaqqaf u titnehha din l-illegalita' ma kien ta' hadd hlief tar-rikorrent innifsu. Izda minkejja l-ordni mahruga fil-konfront tieghu (permezz tal-imsemmi avviz) ir-rikorrent abbusivament baqa' jisfida u jippersisti li ma jnehhix l-illegalijiet minnu kommessi. Imbaghad, meta l-Awtorita' giet kostretta sabiex tagixxi minhabba n-nuqqas tar-rikorrent illi jwaqqaf (u jnehhi) l-illegalita' huwa stess, l-istess rikorrent, permezz ta' proceduri ta' mandat ta' inibizzjoni (mandat ta' Inibizzjoni Numru 37/2014 PC) kien sahansitra pprova jwaqqaf lill-Awtorita' milli tiehu l-azzjoni necessarja sabiex twaqqaf din l-illegalita' hija stess.

9. Illi in kwantu ghall-ilment finali tar-rikorrent, l-Awtorita' tirrileva li dawn huma proceduri istitwiti mir-rikorrent fejn qieghed javvanza numru ta' allegazzjonijiet bil-ghan li jikkontesta l-ittra ufficcjali tal-4 ta' Novembru 2014, ipprezentata fil-konfront tieghu mill-Awtorita' esponenti ai termini tal-artikolu 90 (5) u (6) tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk il-piz tal-prova tispetta lill-attur li jipprova dak li qed jallega fir-rikors promotur, u dan in linea mal-principju bazilari illi "*min jallega irid jipprova*". Jispetta lill-attur Angelo Cauchi illi qabel xejn iressaq il-provi tieghu in sostenn ta' dak minnu allegat u jekk ir-rikorrent jonqos milli jipprova l-kaz tieghu, l-Awtorita' esponenti lanqas biss ma hija mehtiega illi tressaq provi sabiex tirribatti l-allegazzjonijiet tar-rikorrent.

10. Illi fi kwalunkwe kaz, wara li r-rikorrent jiddikjara l-provi tieghu maghluqa, l-Awtorita' esponenti m'ghandha l-ebda diffikulta' li

tressaq il-provi opportuni li jikkonfermaw bic-car li ammont mitlub minnha huwa pjenament gustifikat u jirrifletti precizament l-ammont ta' hlasijiet inkorsi mill-Awtorita' biex seta' jigi esegwit id-direct action mertu tal-kaz odjern wara li r-rikorrent abbusivament baqa' jisfida u jippersisti li ma jnehhix l-illegalitajiet minnu kommessi. Hadd ma jista' jippretendi li jista' jitla' 'l fuq mil-ligi, jikkommetti l-illegalitajiet, jippersisti fl-illegalitajiet tieghu u ma jnehhix l-istess, u mbaghad, meta l-Awtorita' regolatorja tkun kostretta tagixxi, jirrifjuta li jhallas ghall-ispejjez konnessi ma' tali azzjoni, liema spejjez fl-ahharnett iridu jigu sopportati mit-taxxi ta' cittadini ohra li josservaw il-ligijiet tal-pajjiz u li ma jghaddilhomx minn mohhom li jwettqu l-illegalijiet li wettaq ir-rikorrent; u ghalhekk lanqas ghandhom ikunu cittadini onesti li jbatu ghan-nuqqasijiet tar-rikorrent.

Illi ghar-ragunijiet premessi, it-talba tar-rikorrent sabiex il-Qorti tiddikjara t-talba tal-Awtorita' intimata bhala wahda nfondata ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Semghet u rat il-bosta xhieda, affidavits, dokumenti u provi ohra fl-atti;

Rat l-atti tal-kawza u d-decizjoni annessa bin-numru 122/1996 fl-ismijiet Angelo Cauchi vs. Joseph Vella;

Rat li fil-verbal tal-24 ta’ Jannar, 2019 ir-rikors wara hafna dewmien derivanti miz-zewg partijiet fil-kawza thalla ghad-decizjoni ghal-lum

b'termini mposti fuq il-partjiet sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi dan huwa rikors intavolat mir-rikorrent Angelo Cauchi wara li l-Awtorita' intimata wettqet azzjoni diretta fuq xi ambjenti allegatament fil-proprjeta' tieghu partikolarment hitan u xatba u wara li prosegwiet sabiex tinnotifikah b'ittra ufficcjali ezekuttiva ghall-hlas tal-ispejjez tal-istess azzjoni diretta fis-somma ta' elf, sitta u tmenin Euro u tmienja u tletin centezmu (€1086.38). Kopja tal-ittra ntavolata ai termini tal-artikolu 90 (6) tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta tinsab esebita a fol. 4 tal-process. Ir-rikorrent Cauchi iressaq numru ta' ragunijiet quddiem din il-Qorti ghalfejn it-talba tal-Awtorita' intimata ghall-hlas ghandha tigi dikjarata mhux dovuta jew l-ammont imnaqqas. L-Awtorita' intimata da parti taghha toggezzjona ghat-talbiet tar-rikorrenti ghal diversi ragunijiet kif suesposti.

Illi l-artikolu 90 tal-Kap. 504 fis-sub-artikoli rilevanti ghall-kaz odjern jaqra kif isegwi:

'(4) Bla hsara għad-dispozizzjonijiet jew regolamenti mahruga taht dan l-Att, meta ma jsirx appell minn avviz ta' twettiq jew meta jkun sar appell minn avviz ta'

twettiq izda dan jigi konfermat mill-Bord tal-Appell jew mill-Qorti tal-Appell, skont kif ikun il-kaz, u s-sid tal-art soggetta ghall-avviz ta' twettiq jonqos milli jikkonforma ruhu mal-avviz ta' twettiq fiz-zmien ordnat fl-avviz ta' twettiq, dik il-persuna ghandha tkun obbligata li thallas penali li ma teccedix il-hamsin euro ghal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara l-iskadenza tal-perjodu kif jista' jigi preskritt taht dawn ir-regolamenti; u l-Awtorità tista' tirkupra dik il-penali mill-imsemmija persuna bhala dejn civili li huma dovuti lilha.

(5) L-ispejjez kollha li ragonevolment isiru mill-Awtorità biex tesegwixxi avviz ta' twettiq skont dan l-artikolu, jew kull ammont iehor dovut lill-Awtorita' skont xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att jew xi regolamenti maghmulin taht l-istess Att, ikunu jistghu jigu rkuprati mill-Awtorità bhala dejn civili mill-persuna li f'dak iz-zmien tkun sid l-art, jew tokkupa l-art, jew li b'xi mod tkun responsabbli ghall-ghemil indikat f'xi avviz, inkluz avviz ta' hlas, jew applikant, bla hsara ghal kull jedd ta' dik il-persuna li tirkuprahom minghand xi persuna ohra. L-Awtorità ma tkunx azzjonabbli ghad-danni li jistghu jkunu gew inkorsi meta hija tkun ezercitat dawn il-poteri taghha, sakemm ma jigix ippruvat illi dawk id-danni jkunu gew inkorsi minhabba negligenza ovvja mill-Awtorità, mill-ufficjali taghha u mill-agenti taghha.

(6) Meta l-Awtorità tkun trid tharrek biex tirkupra dejn dovut lill-Awtorità taht xi ligi jew regolamenti li hija jkollha jedd tenforza, ic-Chairman, l-Ufficjal Ezekuttiv Ewlieni jew kull ufficjal iehor tal-Awtorità awtorizzat kif imiss mill-Awtorità biex jagixxi f'isimha jista' jaghmel dikjarazzjoni bil-gurament quddiem ir-Registratur tal-Qrati jew quddiem ufficjal awtorizzat li jamministra l-gurament ghal skopijiet gudizzjarji, fejn huwa jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-dejn u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dan ikun dovut.

(7) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (6) ghandha tigi notifikata lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju u ghandu jkollha l-istess effett bhal sentenza finali tal-qorti kompetenti kemm-il darba d-debitur, fi zmien ghoxrin gurnata minn meta ssirlu n-notifika ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix dik it-talba billi

jipprezenta rikors fejn jitlob li l-qorti tiddikjara l-pretensjoni bhala wahda infondata.
(8) Ir-rikors ipprezentat skont ma hemm fis-subartikolu (7) ghandu jigi notifikat lill-Awtorità, li jkollha jedd tipprezenta risposta fi zmien ghoxrin gurnata. Il-qorti mbaghad tiffissa r-rikors ghas-smigh f'data li tigi wara li jiskadi dak il-perjodu.
(9) Kull dejn dovut lill-Awtorità jaqa' bi preskrizzjoni meta jiskadi l-perjodu ta' hames snin mid-data meta d-dejn kien dovut.'

Illi l-gurisdizzjoni tal-Qorti odjerna fuq l-ilmenti tar-rikorrenti hija delimitata appuntu minn dak li jghid l-artikolu suespost li salv ghall-kontestazzjoni entro t-terminu mpost fl-istess artikolu jrendi t-talba ghall-hlas notifikata mill-Awtorita' lir-rikorrent f'titolu ezekuttiv.

Illi l-Qorti rat li l-ittra mibghuta lil Angelo Cauchi ggib id-data tal-4 ta' Novembru, 2015 u maghha jinsab anness rendikont tal-ispejjez pretizi. Din it-'tax invoice' iggib id-data tad-29 ta' Ottubru, 2014. L-ittra ufficcjali taghmel referenza ghall-Avviz ta' Twettieq bin-numru 459/09 li skont l-ittra jikkonsisti fi 'tnehhija ta' zewg hitan tal-franka kif ukoll it-tnehhija ta' rixtellu lkoll minghajr permess ta' zvilupp minn go sit gewwa Sqaq, fi Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex' u tindika d-data tal-24 ta' Lulju, 2014 bhala l-gurnata li fiha sar ix-xoghol.

Illi in vista tat-talbiet tar-rikorrent u l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' intimata l-Qorti wara li semghet u rat il-provi kollha fl-atti tqis li jkun idoneu li taghti kalendarju tal-fatti kif sehhew fil-kaz odjern:

1. Illi mill-pjanta bl-isem 'Gharb Plan' (fol. 68) u li ggib id-data tas-17 ta' Awwissu, 1964 jirrizulta li l-art proprjeta' tar-rikorrenti Cauchi u li llum

tinsab quddiem binja wkoll proprjeta' tieghu ilha tifforma parti minn triq progettata sa mill-anqas mis-sena elf disa' mija u erbgha u sittin (1964). Jirrizulta ampjament pruvat fl-atti li sal-lum din l-art ghadha hekk indikata fil-Pjan Lokali l-aktar recenti u cioe' bhala triq progettata, li izda partijiet minnha llum jinsabu ffurmati filwaqt li ohrajn ghadhom le. Il-pjanta a fol. 67 taghti ndikazzjoni aktar cara tal-proprjeta' tar-rikorrent u cioe' dik immarkata b'kaxxa hamra u t-triq kif tghaddi minn quddiem l-istess proprjeta' ndikata bil-kulur blu. Sal-lum hemm qbil ukoll li dik il-parti tal-proprjeta' li tigi quddiem is-sit immarkat bl-ahmar ghadha proprjeta' tar-rikorrent fis-sens li ghalkemm tinsab fi triq progettata din l-art ma gietx esproprjata;

2. Illi skont l-affidavit tar-rikorrent Cauchi a fol. 23 et seq tal-process kif ukoll mill-atti tal-kawza annessa jirrizulta li lura fis-sena 1996 inqalghet kwistjoni bejn ir-rikorrent Cauchi u certu Joe Vella dwar hajt ta' divizjoni bejniethom f'din l-istess proprjeta'. Fil-fatt permezz tac-citazzjoni 122/1996 ir-rikorrent Cauchi fetah kawza kontra Vella sabiex jigi awtorizzat jiddemolixxi l-hajt li bena Vella u li skont Cauchi sar aktar 'il gewwa fil-proprjeta' tieghu u jerga' jibnieh fejn ir-rikorrent isostni li verament kien il-hajt ta' divizjoni. Dan kollu kien fis-sena 1996. Il-kawza damet sejra sas-sena 2007 meta giet deciza mill-Ewwel Qorti nhar l-20 ta' Gunju, 2007.

3. Tul il-pendenza tal-kawza hawn fuq imsemmija r-rikorrent Cauchi buona volonta tieghu ssottometta applikazzjoni ta' zvilupp fis-sena 2004 applikabbli ghas-sit in kwistjoni fejn talab li jigi awtorizzat jibni dar u pixxina (ara fol. 209 et seq). Dan il-permess ta' zvilupp inghata mill-hekk

imsejha dak iz-zmien Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar nhar l-24 ta' Awwissu, 2004 bin-numru PA 01448/04. Fost il-kundizzjonijiet imposti ghal dan il-permess ta' zvilupp il-kundizzjoni ittra (i) taqra kif isegwi:

*'Where the street bordering the site is unopened, it shall be opened up prior to the commencement of the building operations hereby permitted.'*

4. Wara li hareg il-permess ta' zvilupp b'fost ohrajn bil-kundizzjoni hawn suesposta fis-sena 2007 nhar l-20 ta' Gunju, 2007 inghatat id-decizjoni tal-Qorti fil-kawza li kienet infethet mir-rikorrent Cauchi lura fis-sena 1996 fejn gie deciz fost ohrajn kif isegwi:

*'2. Tilqa' r-raba talba u tiddikjara li l-attur ghandu l-jedd jibni l-hajt divizorju bejn il-proprjeta' tieghu u l-isqaq imsemmija fic-citazzjoni, skont il-linja originali ta' l-istess art, kif stabbilita mill-perit tekniku fir-relazzjoni taghha u specifikatament fuq il-linja miksura mmarkata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta ppreparata u pprezentat mill-perit tekniku fit-18 ta' Jannar 2006;'*

Din il-Qorti tinnota li f'din id-decizjoni mkien ma jidher li ngab a konjizzjoni ta' dik il-Qorti jew li ttiehed in konsiderazzjoni l-fatt li fil-frattemp kien inhareg permess ta' zvilupp f'isem Cauchi bil-kundizzjoni li tigi ffurmata t-triq fejn appuntu kien qed jigi ordnat li jerga' jinbena l-hajt.

Jirrizulta mill-atti li r-rikorrent Cauchi pproceda sabiex rega' bena l-hajt wara d-decizjoni tal-20 ta' Gunju, 2007.

5. Mill-Avviz datat 16 ta' Marzu, 2009 (ara fol. 55) jirrizulta li r-rikorrent Cauchi gie avzat, wara li kien inhariglu l-permess hawn fuq imsemmi li:

*'Ghandek zvilupp bi ksur tal-kundizzjonijiet 1(e) u 1 (i) tal-permess PA 1448/04 tal-permess PA1448/04 datat 24 ta' Awwissu, 2004 peress li bnejt hajt u xatba (gate) fit-triq u varjazzjonijiet fit-tqassim tal-bini peress li l-bieb tal-garaxx gie mibni usa u s-saljaturi tal-gallarija mhumiex skont il-pjanta.'*

Filwaqt li jindika lir-rikorrent Cauchi sabiex:

*'Tnehhi kull zvilupp li ghandek minghajr permess u tikkonforma t-triq skont il-linja ufficjali tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fi zmien sittax-il gurnata.'*

Hemm qbil fl-atti li r-rikorrent odjern Cauchi ma ssottomettiex appell skont il-ligi kontra l-hrug ta' dan l-Avviz fil-konfront tieghu.

Mix-xhieda tal-bosta rapprezentanti tal-Awtorita' intimata fosthom Gordon Grech u Reuben Gauci fl-atti kif ukoll il-bosta dokumenti u ritratti esebiti minnhom jirrizulta li l-hitan milquta minn dan l-Avviz kienu dawk li jidhru mmarkati fuq is-site plan a fol. 62 u fir-ritratt a fol. 188 tal-process. Ir-rikorrent Cauchi fl-atti jammetti li huwa bena l-hajt li jidher fuq wara fir-ritratt a fol. 188 flimkien max-xatba filwaqt li l-hajt li jidher fuq il-lemin huwa l-hajt mibni wkoll minn Cauchi ai termini tad-decizjoni tal-Qorti hawn fuq imsemmija. Fl-atti odjerni r-rikorrent Cauchi jichad li huwa bena l-hajt li jidher fuq quddiem tar-ritratt izda r-rapprezentanti tal-Awtorita' b'mod partikolari Gordon Grech (fol. 223 et seq) jikkonferma li

kull meta huwa kellem lir-rikorrent dan qatt ma cahad li l-hitan kienu kollha tieghu u fi proprjeta' tieghu anzi jixhed ghal aktar minn darba li ghalkemm huwa kien avza lir-rikorrent li jekk ma jnehhihomx kienet ser tnehhihom l-Awtorita' r-rikorrent Cauchi kien jghidlu 'li l-hitan huma tieghu u dawn hadd ma hu ser imisshomli' (fol. 238). Ix-xhieda Gordon Grech u Reuben Gauci fix-xhieda taghhom spjegaw ukoll li rrilevantement minn min kien bena l-hitan u meta, la darba dawn kienu jinsabu f'dik il-parti tal-proprjeta' li r-rikorrent kellu obbligu li jifforma bhala triq skont il-permess mahrug lilu, *per conseguenza* sakemm dan baqa' ma nehhihomx u baqa' ma fformax it-triq l-istat ta' illegalita' kienet qed tibqa' tippersisti bi ksur tal-permess ta' zvilupp mahrug lilu.

6. Illi konsegwenti ghall-fatt li r-rikorrent Cauchi rega' bena l-hajt skont id-decizjoni tal-Qorti (bi ksur izda tal-permess ta' zvilupp mahrug lilu qabel id-decizjoni tal-Qorti) l-istess rikorrent intavola kawza fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar sabiex Joe Vella jhallas ghall-ispejjez inkorsi minnu biex rega' nbena l-hajt. Din il-kawza hija ta' rilevanza ghar-rikors odjern ghar-raguni li l-Awtorita' intimata sakemm din il-kawza nqatghet finalment mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar il-21 ta' Marzu, 2012, zammet lura milli tmexxi b'azzjoni diretta kontra r-rikorrent. Dan jirrizulta minn dokumentazzjoni esebita u x-xhieda tar-rapprezentanti tal-Awtorita'. Il-Qorti taghmel referenza partikolari ghall-ittra esebita a fol. 152 tal-process.

7. Illi skont ir-rapport 'Report Confirming Executability of ECF 00459/09' u r-ritratti annessi (ara fol. 105 et seq) jirrizulta li fl-10 ta' Lulju, 2014 l-Awtorita' intimata kkonfermat li l-kaz tal-Avviz in kwistjoni seta' jghaddi

ghall-azzjoni diretta u cioe' li l-Awtorita' tmur tnehhi hi stess l-illegalitajiet la darba Cauchi ma kienx nehhihom hu stess kif ordnat. Skont l-'update' fl-istess rapport Gordon Grech jikkonferma nhar l-10 ta' Lulju, 2014 kif isegwi:

*'Site reinspected by myself and I can confirm that all illegalities mentioned in this enforcement case are still found on site. I again spoke to owner and informed him that a direct action is imminent. Owner stated that he was not ready to remove the infringement and also stated that he is the owner. . . '*

8. Illi ma hemmx kontestazzjoni li nhar l-24 ta' Lulju, 2014 l-Awtorita' kif rapprezentata dak in-nhar minn Rueben Gauci li xehed ukoll diversi drabi fl-atti pprocediet fuq is-sit u nehhiet it-tliet hitan in kwistjoni (referenza wkoll ghar-ritratti a fol. 204 et seq tal-process). Ghandu jinghad li ghalkemm provizorjament kien gie milqugh mandat ta' inibizzjoni mill-Qorti rrizulta li dan gie notifikat wara li x-xoghlijiet ta' demolizzjoni kienu gia saru. Jirrizulta wkoll li l-istess mandat ma kienx gie konfermat mill-istess Qorti. Konsegwentement permezz ta' ittra ufficjali datata 4 ta' Novembru, 2015 l-Awtorita' intimata talbet il-hlas tal-ispejjez involuti ghall-istess azzjoni fl-ammont ta' elf, sitta u tmenin Euro u tmienja u tletin centezmu (€1,086.38) (ara fol. 4 sa 6 tal-process). Il-kont relattiv bl-'invoices' kollha annessi fosthom tal-pulizija u tal-kuntrattur jinsabu esebiti a fol. 108 sa 111 tal-process.

9. Kien l-intavolar ta' l-ittra ufficcjali hawn fuq imsemmija li wassal ghar-rikors odjern intavolat da parti ta' Cauchi quddiem din il-Qorti nhar l-1 ta' Dicembru, 2015.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi fir-rikors tieghu Angelo Cauchi jsostni li din il-Qorti ghandha tilqa' t-talbiet tieghu ghaliex skont hu l-Avviz ECF 459/09 huwa wiehed null ghaliex ibbazat fuq falsita' u dan peress illi mhux veru illi x-xoghlijiet li ghamel Cauchi konsistenti f'gate u bicca hajt biex jorbot il-gate saru fit-triq imma dawn saru fil-proprjeta' tieghu. Huwa jsostni li x-xoghlijiet in kwistjoni saru kompletament fl-art tieghu u bl-iskop biex jaghlaq access illegali ghar-raba tieghu.

Illi minn qari tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta u b'mod partikolari l-artikolu 90 tal-istess Kapitolu din il-Qorti taqbel mal-eccezzjoni mqajjma mill-Awtorita' intimata li hija ma ghandhiex kompetenza fil-ligi sabiex tiddeciedi dwar in-nullita' o meno tal-Avviz imsemmi. Ir-rikorrent kellu kull jedd fil-ligi li jappella kontra l-Avviz in kwistjoni notifikat lilu quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar izda dan ma ghamlux u ma jistax issa snin wara jqajjem din il-kwistjoni quddiem din il-Qorti. L-istess argument japplika ghal-lanjanzi mqajjma fil-mori mir-rikorrent fosthom li xi hitan ma kienux tieghu. Il-Qorti izda tqis li fi kwalunkwe kaz mill-provi migbura fl-atti jirrizulta ampjament pruvat li l-istrutturi in kwistjoni kienu jinsabu f'dik il-parti li l-Pjan Lokali jindika bhala triq progettata u li r-rikorrenti kellu l-obbligu skont il-permess ta' zvilupp mahrug lilu li jifforma bhala triq skont il-kundizzjoni fl-ittra (i)

ghalhekk anki fil-mertu tali lanjanza ma kinitx tkun gjustifikata. Dwar il-kwistjoni ta' min kienu l-hitan gie wkoll ampjament pruvat li r-rikorrent dejjem ikkonferma mar-rapprezentanti tal-Awtorita' intimata li l-hitan kienu tieghu anzi kien izid b'insistenza li hadd ma kien ser inehhihomlu.

Illi fir-rikors tieghu r-rikorrent jghid li fl-esekuzzjoni li saret tnehhew mhux biss dawn ix-xoghlijiet li jissemmew fl-'enforcement order' izda xoghlijiet ohra konsistenti f'hajt divizorju li jifred l-art ta' Cauchi minn proprjeta' ohra liema hajt kien ezistenti minn dejjem u li in oltre nbena b'ordni tal-Qorti (Citaz 122/1996 Cauchi vs Vella deciza 20 ta' Gunju 2007).

Illi dwar din il-lanjanza l-Qorti taghmel referenza ghall-kalendarju tal-fatti kif suespost minfejn jirrizulta li fil-mori tal-kawza 122/1996 kien l-istess rikorrent Cauchi li talab li jinhariglu permess ta' zvilupp sabiex jibni dar u pixxina. Dan il-permess ta' zvilupp inhareg bil-kundizzjoni li tigi ffurmata t-triq quddiem id-dar in kwistjoni, appuntu fejn jirrizulta li kien hemm il-hitan li twaqqghu mill-Awtorita' f'Lulju, 2014 wiehed minnhom imsemmi fid-decizjoni tal-Qorti tas-sena 2007. Il-permess ta' zvilupp hareg fis-sena 2004 u cioe' ferm qabel id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti. La darba r-rikorrent ghazel li juzufruwixxi ruhu mill-permess ta' zvilupp mahrug minnu ma jistax jippretendi li konsegwentement jaghzel li ma jzommx ma' uhud mill-kundizzjonijiet imposti fuqu skont kif jaqbillu hu, irrilevantament mid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti li nghatat wara li giet imposta l-kundizzjoni fuq ir-rikorrent Cauchi li tigi ffurmata

t-triq. Din il-Qorti ghalhekk ukoll ma tqisx li din il-lanzjanza mqajjma mir-rikorrent hija legalment gjustifikata.

Illi r-rikorrent apparti l-hajt mibni skont id-decizjoni tal-Qorti jsemmi wkoll li tnehha hajt li kien wiehed originali u li jzomm l-hamrija tar-raba ta' l-esponenti. Jishaq li kemm dan il-hajt kif ukoll il-hajt koncernat fid-decizjoni tal-Qorti ma jissemmewx fl-'enforcement order' u ghalhekk isostni li f'dan ir-rigward l-esekuzzjoni kienet wahda *ultra vires*.

Illi jirrizulta ampjament pruvat lil din il-Qorti li l-azzjoni ta' twettieq u nfurzar in kwistjoni ttiehdet fil-konfront tat-tliet hitan in kwistjoni u mhux ta' wiehed biss kif qed isostni r-rikorrent. Dan ikkonfermah diversi drabi l-'enforcement officer' involut Gordon Grech fid-diversi drabi li xehed quddiem din il-Qorti. Huwa xehed li lil Angelo Cauchi kien infurmah anki verbalment li l-hitan kollha kienu milquta bl-Avviz u avzah diversi drabi sabiex inehhihom izda Cauchi nsista li ma riedx inehhihom. Ritratti li gew esebiti fl-atti li gew mill-'file' tal-avviz in kwistjoni wkoll jikkonfermaw li kienu t-tliet hitan li kienu milquta mill-Avviz u mhux kif qed jipprova jaghti x'jifhem ir-rikorrent lil din il-Qorti li l-Avviz kien jolqot hajt wiehed biss.

Illi apparti minn hekk l-Avviz in kwistjoni kien jinkludi l-ksur tal-kundizzjoni (i) mposta fuq ir-rikorrent Cauchi fil-permess ta' zvilupp u cioe' li ma gietx iffurmata t-triq kif obbligat skont l-istess permess, irrilevantement minn kemm kien hemm hitan f'dik il-parti fejn appuntu suppost giet iffurmata t-triq. Fil-fatt l-avviz jaqra u javza wkoll lil Cauchi sabiex f'sittax-il jum jifforma t-triq skont il-linja ufficcjali u dan

Cauchi baqa' ma ghamlux. Ghalhekk jirrizulta lill-Qorti li l-ilment tar-rikorrenti li mhux il-hitan kollha kienu milquta mill-Avviz mill-atti ma jirrizultax li huwa fattwalment gjustifikat stante li r-rikorrent kellu l-obbligu ai termini tal-permess ta' zvilupp li jnehhi kwalunkwe struttura minn dik il-parti tal-proprjeta' fejn kellha tigi ffurmata t-triq u dan appuntu sabiex tigi ffurmata t-triq. Apparti minn hekk gia nghad li jekk ir-rikorrent kellu xi dubju dwar l-Avviz jew ried jattakka l-hrug tal-istess Avviz dan kellu kull jedd jaghmlu permezz ta' appell kontra l-hrug tal-istess avviz u issa r-rikorrent ma jistax legalment iqajjem dawn l-ilmenti quddiem din il-Qorti snin wara. La darba jirrizulta lil din il-Qorti li t-tliet hitan kienu nkluzi fl-avviz in kwistjoni u li fi kwalunkwe kaz kellu l-obbligu li jelimina kwalunkwe struttura sabiex jifforma t-triq *per conseguenza* ma jsegwix l-ilment tar-rikorrent li l-Awtorita' agixxiet *ultra vires* fil-mument li wettqet azzjoni diretta fuq it-tliet hitan. Ir-rikorrent anzi ghandu jirringrazzja xortih li f'dak il-mument l-Awtorita' ma mexxietx ukoll billi twettaq azzjoni diretta fuq l-illegalitajiet l-ohra li kellu fid-dar u li wkoll kienu msemmija fl-Avviz.

Illi fir-rikors tieghu r-rikorrent jilmenta wkoll li l-'enforcement order' giet esegwita wara hames snin mill-hrug taghha. Din il-Qorti, bhall-Awtorita' intimata fir-risposta taghha, ma tistax tifhem x'inhu l-argument legali tar-rikorrent wara dan l-ilment. L-artikolu 90 sub-artikolu 9 tal-Kap. 504 jaqra li kull dejn dovut lill-Awtorita' jaqa' bi preskrizzjoni meta jiskadi l-perjodu ta' hames snin mid-data meta d-dejn isir dovut. Dan it-terminu izda ma ghandu x'jaqsam xejn mad-data ta' meta jinhareg l-Avviz izda ghandu rilevanza biss mid-data meta d-dejn isir dovut lill-Awtorita'. F'dan il-kaz partikolari jista' jinghad li d-dejn

sar dovut lill-Awtorita' dak in-nhar li twettqu l-ispejjez u cioe' fid-data tal-azzjoni diretta li kienet l-24 ta' Lulju, 2014. L-Awtorita' pprocediet bl-ittra ufficcjali ezekuttiva nhar l-4 ta' Novembru, 2015 w'ghalhekk kienet ghadha fit-terminu skont is-subartikolu 9 tal-artikolu 90. Dan kollu qed jinghad minn din il-Qorti ukoll minghajr pregudizzju ghall-fatt pruvat fl-atti li l-Awtorita' ma agixxietx qabel bl-azzjoni diretta ghaliex stenniet li jinqatghu l-kawzi li kien fetah l-istess rikorrent Cauchi fil-Qorti quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar li konsegwentement giet ukoll appellata quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti wkoll ma tqisx li din il-lanjanza tar-rikorrent hija gjustifikata fil-ligi.

Illi finalment ir-rikorrent Cauchi jsostni li hija l-Awtorita' li trid iggib il-prova ta' l-ammont mitlub. Fil-fatt l-Awtorita' dan ghamlitu billi anki esebiet il-kont u l-'invoices' applikabbli sal-anqas dettal (ara kif gia indikat fol.108 sa 111 tal-process) u l-Qorti hija sodisfatta bil-kontenut tal-istess dokumenti u bl-ebda mod ma jirrizultalha dak sostnut mir-rikorrent li b'xi mod il-kont kien xi wiehed esagerat fic-cirkustanzi. Ghalhekk anki din il-lanjanza da parti tar-rikorrent ma tirrizultax li hija gjustifikata.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan ir-rikors billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-Awtorita' intimata sakemm din hija kompatibbli ma' dak hawn deciz,

tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent Angelo Cauchi.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur